

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/110**tal-24 ta' Jannar 2019****li jawtorizza estensjoni għall-użu taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat imniżżel fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Bi qbil mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾, li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.
- (3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni għandha tissottometti abbozz ta' att ta' implimentazzjoni li jawtorizza t-tqegħid ta' ikel ġdid fis-suq tal-Unjoni u l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.
- (4) Bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u b'segwitu tal-Opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ⁽⁴⁾, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/559/KE ⁽⁵⁾ awtorizzat it-tqegħid fis-suq taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* bħala ikel ġdid biex jintuża fid-dlik isfar tax-xaħam u fid-dlik b'bażi ta' krema.
- (5) Fit-22 ta' Settembru 2014, il-kumpanija Unilever NV/Unilever PLC ressqet talba lill-awtorità kompetenti tan-Netherlands bi qbil mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 għal estenzjoni tal-użu u tal-livelli tal-użu taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia*. L-applikazzjoni talbet l-estenzjoni tal-użu taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* għal kategorija tal-ikel addizzjonali, jiġifieri għat-taħlitiet ta' żjut veġetali u ħalib, u talbet li jinżiedu l-livelli massimi tal-użu taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* għall-kategoriji tal-ikel li diġà huma awtorizzati bid-Deċiżjoni 2008/559/KE. L-applikazzjoni talbet ukoll bidla tal-ispeċifikazzjoni taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia*, b'mod partikolari dwar: is-simplifikazzjoni tal-indikazzjoni ta' ammonti żgħar ta' aċidi xaħmin saturati: li l-aċidu lawriku, l-aċidu miristiku u l-aċidu palmitiku jiddaħħlu flimkien f'parametru wieħed (C12:0 – C14:0 – C16:0); li jitħallew barra l-indikazzjonijiet ta' ammonti żgħar (ta' inqas minn 1 % kull wieħed) tal-aċidu palmitolejku u tal-aċidu arakidiku, u li jiddaħħlu l-aċidi grassi poliinsaturati; li titħalla barra l-indikazzjoni tal-valur tal-jodju; li jinżiedu l-limiti massimi għall-aċidi xaħmin trans (minn ≤ 0,5 % għal ≤ 1 %); li jinżiedu l-limiti massimi għall-perossidu (minn ≤ 0,8 għal ≤ 1,0 meq/kg); li jinżiedu l-limiti massimi għall-materjal insaponifikabbli (minn ≤ 0,1 % għal ≤ 1 %). L-awtorità ma għandha l-ebda tħassib dwar is-sikurezza rigward il-bidliet proposti tal-parametri ta' speċifikazzjoni.
- (6) Fit-13 ta' Diċembru 2017, l-awtorità kompetenti tan-Netherlands ħarġet l-ewwel rapport ta' valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport ikkonkludiet li l-estenzjoni tal-użi u tal-livelli massimi tal-użu proposti taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia*, u t-tibdil tal-ispeċifikazzjoni taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* jissodisfaw il-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

⁽¹⁾ ĠUL 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

⁽⁴⁾ Il-Bord tal-NDA tal-EFSA (il-Bord tal-EFSA dwar Prodotti Dijetetiċi, Nutrizzjoni u Allerġiji), 2007.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/559/KE tas-27 ta' Ġunju 2008 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żejt taż-żerriegħa *Allanblackia* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 9.7.2008, p. 20). Safety of *Allanblackia* seed oil for use in yellow fat and cream based spreads, *EFSA Journal* (2007) 580, 1-10.

- (7) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kull talba għat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid fl-Unjoni li titressaq lil Stat Membru bi qbil mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, u li dwarha ma tkunx ittieħdet id-deċiżjoni finali qabel l-1 ta' Jannar 2018 għandha tiġi ttrattata bħala applikazzjoni mressqa skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Filwaqt li t-talba għall-estenzjoni tal-użu taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* tressqet lil Stat Membru bi qbil mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (9) Bi qbil mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fil-25 ta' April 2018 il-Kummissjoni kkonsultat mal-Awtorità u talbitha tipprovdi opinjoni xjentifika billi twettaq il-valutazzjoni taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* bħala ikel ġdid.
- (10) Fis-27 ta' Ġunju 2018, l-Awtorità adottat Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* għal użi estiżi f'taħlitiet ta' żjut veġetali u ħalib u fi dlik isfar tax-xaħam u dlik b'bażi ta' krema sa 30 % (w/w) ⁽⁶⁾ kif talab l-applikant. Dik l-opinjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283. It-taħlitiet ta' żjut veġetali u ħalib jidhru fil-kategorija tal-ikel: Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi s-sostituti tal-ħalib li jitħalltu max-xarbiets biex ibajduhom.
- (11) L-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li ż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* bl-ispeċifikazzjoni mmodifikata, bl-użi u bil-livelli tal-użu proposti jikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-entrata fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, li tirreferi għas-sustanza żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2018; 16(8):5362.

ANNEX

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) tinbidel b'dan li ġej:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti addizzjonali speċifiċi tat-tikkettar	Rekwiżiti oħrajn
"Żejt taż-żerriegħa tal- <i>Allanblackia</i> "	<i>Il-kategorija tal-ikel speċifikat</i>		L-isem tal-ikel il-ġdid fuq it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li fihom minnu għandu jkun "żejt taż-żerriegħa tal- <i>Allanblackia</i> "	
	<i>Livelli massimi</i>			
	Dlik isfar tax-xaħam u dlik b'bażi ta' krema	30 g/100 g		
	It-taħlitiet ta' żjut veġetali (*) u ħalib (li jidħlu fil-kategorija tal-ikel: Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi s-sostituti tal-ħalib li jitħalltu max-xarbiel biex ibajduhom)	30 g/100 g		
(*) Minbarra ż-żjut taż-żebbuġ u ż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ kif iddefiniti fil-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.				

(2) L-entrata taż-żejt taż-żerriegħa tal-*Allanblackia* fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) tinbidel b'dan li ġej:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
"Żejt taż-żerriegħa tal- <i>Allanblackia</i> "	<p>Deskrizzjoni/Definizzjoni: iż-żejt taż-żerriegħa tal-<i>Allanblackia</i> jinkiseb miż-żerriegħa tal-ispeċi <i>allanblackia</i>: <i>A. floribunda</i> (sinonima ma' <i>A. parviflora</i>) u <i>A. stuhlmannii</i>.</p> <p>Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin (bħala % tat-total tal-aċidi xaħmin): Aċidu lawriku - Aċidu miristiku - Aċidu palmitiku (C12:0 – C14:0 – C16:0): is-somma ta' dawn l-aċidi < 4,0 % Aċidu steariku (C18:0): 45-58 % Aċidu olejku (C18:1): 40-51 % Aċidi xaħmin poliinsaturati: < 2 %</p> <p>Karatteristiki: Aċidi xaħmin ħielsa: massimu 0,1 % tal-aċidi xaħmin totali Aċidi xaħmin trans: massimu 1,0 % tal-aċidi xaħmin totali Valur tal-perossidu: massimu 1,0 meq/kg Materjal insaponifikabbli: massimu 1,0 % (w/w) taż-żejt Valur tas-saponifikazzjoni: 185-198 mg KOH/g"</p>